**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2015

Rikors Guramentat Nru : 61/14 AL

**A B**

**vs**

**Avukat Dr Patrick Valentino u l-PL Victor Bugeja b'digriet tat-3 ta' Gunju 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jidhru ghal N W B nieqes minn Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi l-esponenti mizzewga ma N W B u ghandhom zewgt itfal M ta' 21 sena u P ta' 18-il sena; kienu izzewgu fi Frar 1993 : Dok B;

Illi l-esponenti ilha ssofri l-agir abbuziv ta' zewgha. Fost ohrajn kien qabad u mar jghix Ghawdex. Lill-esponenti kien ihalliha bla flus u kellha thalli t-tfal ma ommha biex tohrog tahdem hi. Hi

spiccat hafritlu u sa telghet Ghawdex bit-tfal tghix mieghu. Minn fuq spicca wettaq adulterju ma mara Ghawdxija, certu Gorgina u kellu tarbija minnha;

Illi l-esponenti meta nizlet Malta fittxitu ghall-manteniment izda wara li f'Ghawdex kien ghamel djun kbar u ttiehdu passi kontrih bil-Qorti spicca harab minn Ghawdex u abbandunaha. Jidher li qed jghix ma dik il-mara Ghawdxija l-Ingilterra u saret taf li kellu tifel iehor maghha;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn iz-zewg kontendenti u dan minhabba adulterju, abbandun, nuqqas ta' hlas ta' manteniment u tkissir inevitabbli taz-zwieg, kollha attribwibbli lill-intimand;
2. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-esponenti pagabbli minn intimand;
3. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha b'mod li jkunu kominati kontra l-intimand d-disposizzjonijiet tal-Art 38, 40 u 41 tal-Kap. 16;

Bl-ispejjez kontra l-intimand imharrrek minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero' jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attrici tikkontendi li z-zwieg taghha mal-intimat assenti[1] tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimat assenti, fosthom abbandun u adulterju.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom, il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti, ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

## <u>Il-VERZJONI TAL-ATTRICI</u>

Permezz tal-affidavit taghha[2] l-attrici tiddikjara li hi flimkien mal-intimat assenti huma l-genituri ta' zewgt ulied u cioe' Marcus ta' wiehed u ghoxrin (21) sena u P ta' dsatax (19) –il sena. Tispjega li z-zwieg taghhom beda jmur lura meta l-intimat assenti ha *bar* ghaliex intela' bid-dejn. Sussegwentement harab lejn Ghawdex u halliha wahedha mat-tfal. F'Ghawdex ha hanut gewwa x-Xlendi, imma minkejja dan ma kien ihallas l-ebda manteniment ghal uliedu. Tispjega li marret Ghawdex u qabbditu ma' haddiehor li kienet 'taparsi tahdem mieghu'[3] izda biex ma tkissirx il-familja ddecidiet li tahfirlu, izda rega' bidilha b'dan li qallha wkoll li m'ghandux post ghaliha u ghat-tfal. Tiddikjara li llum il-gurnata ghandu zewgt ulied minn mara ohra li hija Ghawdxija u li manteniment thallas darba biss. Wara dan kollu ddecidiet li tghix hajjitha filwaqt li l-intimat mar jghix l-Ingilterra ma' din il-mara u t-tfal li ghandu maghha.

---

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 9 tal-process
[2] Ara a fol 51 tal-process
[3] Ara a fol 52 tal-process

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota guramentata taghha[4], l-attrici tiddikjara li formanti parti mill-komunjoni m'hemm xejn.

Issir referenza ghall-affidavit ta' P B u cioe' bint il-partijiet li tiddikjara li ghandha dsatax (19) –il sena. Tghid li meta kellha sena u erba' xhur, missierha telaq, b'dan li lanqas biss raha titlaq timxi. Ommha kienet tihodhom Ghawdex meta kienu ghadhom zghar hi u ħuha pero' ma kienitx tkun trid tmur. Kienet darba wahda biss li missierha ha lilha u lil ħuha Ghawdex imma tant bkiet li riditu jihodha lura ghand ommha. Taghlaq billi tghid li kienet ommha li rabbietha u hadmet ghaliha.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

*"**Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba**"*.

Permezz tal-affidavit taghha, l-attrici tiddikjara li l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix Ghawdex fejn kellu relazzjoni adultera. Il-wild tal-partijiet u cioe' P B ukoll tikkonferma li meta kellha sena u erba' xhur missierha telaq mid-dar u li kienet ommha li rabbietha u dejjem hadet hsiebha. Il-Qorti hija moralment konvinta li l-intimat assenti abbanduna l-familja tieghu u d-dar matrimonjali. Barra minn hekk, il-Qorti m'ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed issostni l-attrici u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taghti kredibilita' lil tali verzjoni. Tenut kont ta' tali abbandun, il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li t-talba ghas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat ghandha tigi milqugha.

[4] Ara a fol 54 tal-process

## DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI

L-attrici qieghda titlob manteniment ghaliha personalment pero' fl-istess hin tiddikjara li hija tahdem kemm fir-rikors promotur kif ukoll permezz tal-affidavit taghha. Dan hu kkonfermat ukoll bix-xiehda tal-wild P B u konsegwentement, fic-cirkustanzi, l-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' t-talba ghal manteniment ghaliha ghaliex jirrizulta car li l-istess attrici hija kapaci tfendi ghal rasha.

## DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Il-Qorti tirrileva li skond in-nota guramentata prezentata mill-attrici, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn. Fuq kollox l-attrici ma tressaq ebda forma ta' prova ta' x'jista' jifforma parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement fid-dawl ta' tali nuqqas ta' prova, l-Qorti, filwaqt li tiddeciedi li tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, (biex minn issa l quddiem il-partijiet jitqiesu bhala persuni li jistghu f'isimhom jersqu ghal kwalunkwe att ta' akkwist jew self jew att iehor minghajr l-approvazzjoni, l-kunsens jew il-firma tal-parti l-ohra), ma tistax taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti *stante* li m'hemm ebda prova dwarha.

## DECIDE

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-intimat;

[2] Tichad it-tieni talba;

[3] Tilqa' t-tielet talba limitatament billi tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-istess talba stante nuqqas ta' provi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat, b'dan li kwalunkwe spejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jigu sapportati provizorjament mill-attrici.